VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,598, 24 ta' Ġunju, 2016
Taqsima B

A.L. 239 tal-2016

ATT DWAR ID-DRITTIJIET TAL-AWTUR (KAP. 415)

Regolamenti tal-2016 dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 59 tal-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 Frar 2014 dwar amministrazzjoni kollettiva tal-awtur u drittijiet relatati u liċenzjar multi-territorjali tad-drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu onlajn fis-suq intern.

Titolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra -

"assemblea ġenerali tal-membri" tfisser il-korp fl-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li fih il-membri jipparteċipaw u jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom, irrispettivament mill-forma ġuridika tal-organizzazzjoni;

"l-Att" tfisser l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur; Kap. 415.

"il-Bord" tfisser il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur imwaqqaf taħt l-artikolu 45 tal-Att;

"detentur tad-drittijiet" tfisser kull persuna jew entità, minbarra organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, li jkollha dritt tal-awtur jew dritt relatat jew li, kif ikun hemm fi ftehim għall-isfruttament tad-drittijiet jew bil-liġi, tkun intitolata għal sehem mid-dħul tad-drittijiet;

"dħul mid-drittijiet" tfisser id-dħul miġbur minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv f'isem id-detenturi tad-

VERŻJONI ELETTRONIKA

drittijiet, kemm jekk joriġina minn dritt esklussiv, minn dritt għal remunerazzjoni jew minn dritt għal kumpens;

"direttur" tfisser:

(a) meta d-dritt nazzjonali jew l-istatut tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jipprovdu għal bord unitarju, kull membru tal-bord amministrattiv;

(b) meta d-dritt nazzjonali jew l-istatut tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jipprovdi għal bord doppju, kull membru tal-bord ta' tmexxija jew tal-bord superviżorju;

"drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali" tfisser kull wieħed mid-drittijiet ta' awtur f'xogħol mużikali li hemm provdut dwarhom fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29/KE li huma meħtieġa biex jingħata servizz ta' mużika onlajn;

"entità ta' mmaniġġjar indipendenti" tfisser kull organizzazzjoni li hija awtorizzata mil-liġi jew permezz ta' assenjazzjoni, liċenza jew kull arranġament kuntrattwali ieħor biex timmaniġġja d-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur f'isem aktar minn detentur tad-drittijiet wieħed, għall-benefiċċju kollettiv ta' dawk id-detenturi tad-drittijiet, bħala l-għan uniku jew l-għan prinċipali tagħha u li:

(a) la tkun ipposseduta u l-anqas ikkontrollata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mid-detenturi tad-drittijiet; u

(b) tkun organizzata fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ;

"ftehim ta' rappreżentanza" tfisser kull ftehim bejn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li bih organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv waħda tawtorizza lil organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra biex timmaniġġja d-drittijiet li tirrappreżenta, inkluż ftehim konkluż taħt ir-regolamenti 36 u 37;

"liċenza multiterritorjali" tfisser liċenza li tkopri t-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed;

"membru" tfisser detentur tad-drittijiet jew entità li tirrappreżenta detenturi tad-drittijiet, inklużi organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u assoċjazzjonijiet oħra ta' detenturi tad-drittijiet, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-adeżjoni tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u huma ammessi minnha;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv" tfisser kull organizzazzjoni li tkun awtorizzata mil-liġi jew permezz ta' assenjazzjoni, liċenza jew kull arranġament kuntrattwali ieħor biex timmaniġġja d-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur f'isem aktar minn detentur tad-drittijiet wieħed, għall-benefiċċju kollettiv ta' dawk id-detenturi tad-drittijiet, bħala l-għan uniku jew l-għan prinċipali tagħha, u li tissodisfa xi wieħed mill-kriterji li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) ikollhom pussess tagħha jew jikkontrollawa l-membri tagħha stess;

(b) tkun organizzata fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ;

"repertorju" tfisser ix-xogħlijiet li dwarhom organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun timmaniġġja d-drittijiet;

"statut" tfisser il-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni, l-istatut, ir-regoli jew id-dokumenti ta' kostituzzjoni ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv;

"tariffi għall-immaniġġjar" tfisser l-ammonti imposti, imnaqqsa jew paċuti minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mid-dħul mid-drittijiet jew minn kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet sabiex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-immaniġġjar tagħha tad-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati;

"utent" tfisser kull persuna jew entità li tkun qegħda twettaq atti soġġetti għall-awtorizzazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet, remunerazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet jew ħlas ta' kumpens lid-detenturi tad-drittijiet u li ma tkunx qegħda taġixxi fil-kapaċità ta' konsumatur.

(2) Il-kliem u frażijiet l-oħra kollha użati għandu jkollhom l-istess tifsir bħalma għandhom fl-Att.

Suġġett u skop.

3. (1) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu r-rekwiżiti meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament kif dovut tal-immaniġġjar tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati mill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv. Jistabbilixxu wkoll ir-rekwiżiti għall-għoti ta' liċenzi multiterritorjali mill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awturi f'xogħlijiet mużikali għall-użu onlajn.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw kif ġej:

(a) it-Titoli I, II, IV u V bl-eċċezzjoni tar-regolament 41(2) japplikaw għall-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar

VERŻJONI ELETTRONIKA

kollettiv kollha stabbiliti f'Malta;

(b) it-Titolu III u r-regolament 41(2) japplikaw għal dawk l- organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv stabbiliti f'Malta li jimmaniġġjaw id-drittijiet tal-awturi f'xogħlijiet mużikali għal użu onlajn fuq bażi multiterritorjali;

(ċ) id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti japplikaw għall-entitajiet li huma direttament jew indirettament ippossedutі jew ikkontrollati, b'mod sħiħ jew parzjalment, minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, kemm-il darba dawk l-entitajiet ikunu jwettqu xi attività li, jekk issir minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(d) ir-regolament 20(1), ir-regolamenti 26 u 38, il-paragrafi (a), (b), (ċ), (e), (f) u (g) tar-regolament 29(1) u r-regolament 43 japplikaw għall-entitajiet ta' mmaniġġjar indipendenti kollha stabbiliti f'Malta.

Titolu II

Organizzazzjonijiet ta' Mmaniġġjar Kollettiv

Kapitolu 1

Rappreżentanza tad-detenturi tad-drittijiet u adeżjoni u organizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar

Amministrazzjoni tad-drittijiet.

4. (1) Id-drittijiet ekonomiċi marbutin mad-drittijiet tal-awtur u mad-drittijiet viċini għandhom jiġu amministrati mis-sidien tad-drittijiet, minn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv kif awtorizzati mis-sidien tad-drittijiet, jew minn mandatarji li jirrapreżentaw lis-sidien tad-drittijiet.

(2) L-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv għandhom jaġixxu fl-aħjar interessi tad-detenturi tad-drittijiet li huma jirrappreżentaw id-drittijiet tagħhom u li ma jimponu fuqhom l-ebda obbligu li ma jkunx oġġettivament meħtieġ għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi tagħhom jew għall-immaniġġjar effettiv tad-drittijiet tagħhom.

Drittijiet tad-detenturi tad-drittijiet.

5. (1) Id-detenturi tad-drittijiet għandhom dawn id-drittijiet li ġejjin li għandhom jiġu spjegati fl-istatut jew fil-patt ta' adeżjoni tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv:

(a) id-dritt li jawtorizzaw organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li jagħżlu huma biex timmaniġġja d-

VERŻJONI ELETTRONIKA

drittijiet, il-kategoriji ta' drittijiet jew it-tipi ta' xogħlijiet u materjal tematiku ieħor li jagħżlu huma, għat-territorji li jagħżlu huma, irrispettivament mill-Istat Membru ta' nazzjonalità, residenza jew stabbilment kemm tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kemm tad-detentur tad-drittijiet; kif hemm fl-istatut tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv. Kemm-il darba l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma jkollhiex raġunijiet oġġettivament ġustifikati biex tirrifjuta l-mmaniġġjar, hija għandha tiġi obbligata timmaniġġja dawk id-drittijiet, kategoriji ta' drittijiet jew tipi ta' xogħlijiet u materjal tematiku ieħor, sakemm l-immaniġġjar tagħhom jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attività tagħha;

(b) id-dritt li jagħtu liċenzi għal użi mhux kummerċjali ta' kull wieħed mid-drittijiet u materjal tematiku ieħor li huma jistgħu jagħżlu

(ċ) id-dritt li jitterminaw l-awtorizzazzjoni għall-immaniġġjar tad-drittijiet, il-kategoriji ta' drittijiet jew it-tipi ta' xogħlijiet u materjal tematiku ieħor mogħtija minnhom lil organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jew li jirtiraw minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kull wieħed mid-drittijiet, kategoriji ta' drittijiet jew tipi ta' xogħlijiet u materjal tematiku ieħor li huma jagħżlu, kif stabbilit konformement mal-paragrafu (a), għat-territorji li huma jagħżlu, filwaqt li jagħtu avviż fi żmien raġonevoli ta' mhux iżjed minn sitt xhur. L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tista' tiddeċiedi li dik it-terminazzjoni jew dak l-irtirar għandu jibda jseħħ biss fi tmiem is-sena finanzjarja:

Iżda jekk ikun hemm ammonti dovuti lil detentur tad-drittijiet għal atti ta' sfruttament li jkunu seħħew qabel ma jkunu daħlu fis-seħħ it-terminazzjoni tal-awtorizzazzjoni jew l-irtirar ta' drittijiet, jew taħt liċenza mogħtija qabel ma jkunu bdew iseħħu dik it-terminazzjoni jew dak l-irtirar, id-detentur tad-drittijiet għandu jżomm id-drittijiet tiegħu taħt ir-regolamenti 16, 17, 26, 28, 35 u 40.

(2) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma għandhiex tirrestrinġi l-eżerċitar tad-drittijiet li hemm provdut dwarhom fis-subregolament (1)(b) u (ċ), billi tħetieġ, bħala kondizzjoni tal-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet, li l-immaniġġjar tad-drittijiet jew il-kategoriji ta' drittijiet jew tipi ta' xogħlijiet jew materjal tematiku ieħor li jkunu suġġetti għat-terminazzjoni jew l-irtirar jiġi fdat lil xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra.

(3) Fil-każijiet meta detentur tad-drittijiet jawtorizza organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv biex timmaniġġja d-drittijiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

tiegħu, huwa għandu jagħti kunsens speċifikament għal kull dritt jew kategorija ta' drittijiet jew tip ta' xogħlijiet jew materjal tematiku ieħor li huwa jawtorizza lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv timmaniġġja. Kull kunsens bħal dak għandha tingħata prova dwaru f'forma dokumentata.

(4) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tinforma lid-detenturi tad-drittijiet dwar id-drittijiet li jkollhom taħt is-subregolamenti (1) sa (3), kif ukoll dwar kull kundizzjoni marbuta mad-dritt stabbilit fis-subregolament (1)(b), qabel ma tikseb il-kunsens tagħhom biex timmaniġġja kull dritt jew kategorija ta' drittijiet jew tip ta' xogħlijiet u materjal tematiku ieħor.

(5) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tinforma lil dawk id-detenturi tad-drittijiet li jkunu diġà awtorizzawha dwar id-drittijiet tagħhom taħt is-subregolamenti (1) sa (3), kif ukoll dwar kull kundizzjoni marbuta mad-dritt stabbilit fis-subregolament (1)(b), sal-10 ta' Ottubru 2016.

Regoli tal-adeżjoni tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv.

6. Organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv għandhom jimxu kif hawn f'dawn ir-regoli li ġejjin:

(a) organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha taċċetta lid-detenturi tad-drittijiet u lill-entitajiet li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet, inklużi organizzazzjonijiet ta' mmanġġjar kollettiv u assoċjazzjonijiet tad-detenturi tad-drittijiet oħra, bħala membri jekk dawn ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' adeżjoni li għandhom ikunu bbażati fuq kriterji objettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Dawk ir-rekwiżiti ta' adeżjoni għandhom jiġu inklużi fl-istatut jew fil-patt ta' adeżjoni tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Fil-każijiet meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tirrifjuta li tilqa' talba għal adeżjoni, hija għandha tipprovdi lid-detentur tad-drittijiet spjegazzjoni ċara tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni;

(b) l-istatut tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandu jipprovdi mekkaniżmi xierqa u effettivi ta' parteċipazzjoni tal-membri tagħha fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal- organizzazzjoni. Ir-rappreżentanza tal-kategoriji differenti ta' membri fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandu jkun wieħed ġust u bilanċjat;

(ċ) organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tippermetti lill-membri tagħha jikkomunikaw magħha permezz ta' mezzi elettroniċi, inkluż għall-finijiet tal-eżerċitar tad-

VERŻJONI ELETTRONIKA

drittijiet tal-membri;

(d) organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha żżomm dokumentazzjoni tal-membri tagħha u għandha regolarment taġġorna dik id- dokumentazzjoni.

Drittijiet tad-detenturi tad-drittijiet li mhumiex membri tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv jirrispettaw ir-regoli stabbiliti fir-regolamenti 6(ċ), 28, 36(2) u 40 dwar dawk id-detenturi tad-drittijiet li jkollhom relazzjoni ġuridika diretta permezz tal-liġi jew permezz ta' assenjazzjoni, liċenza jew kull arranġament kuntrattwali ieħor magħhom imma li ma jkunux membri tagħhom.

Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv.

8. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma għandhiex topera f'Malta sakemm ma tagħmilx talba lill-Bord sabiex topera bħala organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u tiġi hekk approvata bħala organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kif hemm fid-disposizzjonijiet tal-Att.

(2) Talba, li tista' ssir ukoll lill-Bord b'mezzi elettroniċi, għandha tkun tinkludi:

(a) kopja tal-istatuti tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv;

(b) ir-regolamenti tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv dwar is-sistema ta' ġbir u tqassim tal-miżati u tar-rimunerazzjoni ġusta;

(ċ) it-tariffa proposta tad-drittijiet kollha li jkunu ser jinġabru mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv;

(d) dikjarazzjoni tal-għadd ta' persuni li jkunu fdaw jew wegħdu li jafdaw lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv biex tamministralhom id-drittijiet ekonomiċi tagħhom fil-waqt tal-istess dikjarazzjoni;

(e) lista ta' kuntatti ma' organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra kemm barranin kemm lokali dwar l-amministrazzjoni tad-drittijiet;

(f) id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz postali, numru tal-fax jew indirizz tal-posta elettronika, numru tat-telefon u l-indirizz legali jekk dan ma jkunx l-istess bħall-indirizz postali, għal finijiet li jiġu riċevuti lmenti jew fejn tintalab informazzjoni; u

(g) il-miżata stabbilita għal talba għall-approvazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

(3) Il-Bord għandu japprova l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kemm-il darba:

(a) l-istatuti jew regolamenti msemmija fis-subregolament (2) ma jkunux iħarsu d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att, ta' dawn irregolamenti jew ta' kull liġi oħra;

(b) ma jkunx hemm provi fattwali li jkunu jindikaw li persuna fiżika li tista' leġittimament tirrapreżenta lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv taħt l-istatuti tal-organizzazzjoni, ma jkollhiex il-kapaċità jew l-affidabilità meħtieġa biex teżerċita attività bħal dik;

(ċ) ma jkunx hemm provi fattwali li jkunu jindikaw li l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma tkunx tista', għal xi raġuni, twettaq il-funzjonijiet tagħha, magħdud li ma jkollhiex mezzi ekonomiċi u tekniċi, jew persunal adatt;

(d) xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra ma tkunx diġà ġiet approvata fl-istess qasam ta' amministrazzjoni, sakemm il-Bord ma jkunx sodisfatt li l-eżistenza ta' iktar minn organizzazzjoni waħda f'dak il-qasam partikolari ta' amministrazzjoni ma jkunx benefiku għall-interessi tal-awturi u ta' sidien oħra ta' drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini u tal-utenti;

(e) ma jqisx li t-tariffi proposti huma inaċċettabbli, iżda jekk l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ikollha tipi ta' tariffi differenti, din xorta tkun tista' titħalla topera f'dawk l-oqsma li l-Bord ikun approva t-tariffi għalihom.

(4) Fid-deċiżjoni dwar jekk organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ikollhiex il-mezzi ekonomiċi u tekniċi biex twettaq il-funzjonijiet tagħha, kif speċifikat fis-subregolament (3)(ċ), il-Bord jista' jqis dan li ġej:

(a) l-għadd ta' awturi li jkunu wegħdu li jafdaw lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv bl-amministrazzjoni tad-drittijiet ekonomiċi tagħhom, kif ukoll kull pjan jew strateġija li permezz tagħhom l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun bi ħsiebha żżid dak l-għadd;

(b) kull kuntratt bilaterali jew multilaterali dwar l-amministrazzjoni tad-drittijiet ta' awturi barranin u ta' sidien ta' drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini barranin, kif ukoll b'kull

VERŻJONI ELETTRONIKA

kuntratt jew ftehim simili li l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun għaddejja bil-proċess li timplimenta;

(ċ) il-limitu kemm jiġu esplojtati xogħlijiet li jaqgħu taħt l-amministrazzjoni ta' dik l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jew il-volum ta' utenti potenzjali ta' dawk ix-xogħlijiet;

(d) kemm tkun kapaċi l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tamministra d-drittijiet tal-membri tagħha f'pajjiżi oħra; u

(e) kull mod u manjiera li bihom l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun qegħda tipproponi li tilħaq l-għanijiet tagħha: Iżda bl-għan li twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan is-subregolament, il-Bord jista' jitlob mingħand organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kull informazzjoni relatata jew inċidentali li jkun iqis li tkun adatta.

(5) Il-bażi sabiex jiġu kalkolati t-tariffi għandha normalment tqis il-vantaġġi monetarji li jinkisbu mill-esplojtazzjoni tax-xogħol protett, kif ukoll bil-proporzjon ta' kemm ikun qed jiġi użat ix-xogħol fl-esplojtazzjoni totali.

(6) Għandom jitqiesu wkoll meta jkunu qed jiġu kalkolati t-tariffi prospettivi l-kategorija u x-xorta ta' utent involut, inkluż it-tip ta' negozju fil-każ ta' attivitajiet kummerċjali, kif ukoll kull element reliġjuż, kulturali u soċjali involuti.

Pubblikazzjoni tat-talba.

9. (1) Kemm jista' jkun malajr wara li jirċievi talba għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, il-Bord għandu:

(a) javża lill-applikant li jkun irċieva t-talba filwaqt li jindika perjodu ta' żmien raġonevoli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni:

Iżda dak il-perjodu għandu japplika jekk id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa tkun ġiet ippreżentata u ma tkun waslet ebda oġġezzjoni bil-miktub wara l-publikazzjoni tat-talba u t-tariffi;

(b) fil-każ illi d-dokumentazzjoni jew l-informazzjoni kollha meħtieġa ma tkunx ġiet ippreżentata mal-applikazzjoni, il-Bord għandu javża lill-applikant u jitlob li tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni jew l-informazzjoni li jkun jonqos. Il-Bord għandu jinforma lill-applikant li l-perjodu ta' żmien ikkomunikat meta l-Bord kien avżah kif hemm fil-paragrafu ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

hawn qabel ikun ser jiġi rivedut u li l-perjodu ġdid ta' żmien ikun ser jiġi avżat lill-applikant meta l-Bord jirċievi d-dokumentazzjoni li jkun jonqos;

(ċ) fil-każ illi l-Bord jirċievi d-dokumentazzjoni nieqsa, u dik id-dokumentazzjoni tkun ippreżentata flimkien mal-miżata stipulata, il-Bord għandu javża lill-applikant li jkun irċeviha filwaqt li jindika perjodu ta' żmien raġonevoli biex l-applikazzjoni tibqa' tiġi kkunsidrata sakemm ma ssir ebda oġġezzjoni bil-mitkub wara l-publikazzjoni tat-talba u t-tariffi;

(d) wara li jkun rċieva d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, kemm jista' jkun malajr, il-Bord għandu jippubblika t-talba flimkien mat-tariffi proposti fil-Gazzetta filwaqt li javża, li fi żmien sittin ġurnata wara l-publikazzjoni, l-utenti prospettivi jew ir-rappreżentanti tagħhom jkunu jistgħu jippreżentaw l-oġġezzjonijiet tagħhom bil-miktub, għat-talba jew għat-tariffi, lill-Bord. Flimkien ma' dawn l-oġġezzjonijiet għandha titħallas il-miżata stipulata u dawn għandhom jiġu ppreżentati kif hemm fid-disposizzjonijiet tar-regolament 9(3);

(e) il-Bord għandu jippubblika avviż f'żewġ gazzetti lokali fejn jirreferi għall-publikazzjoni tat-talba u t-tariffi fil-Gazzetta; u

(f) l-ispejjeż kollha tal-publikazzjoni fil-Gazzetta u fil-gazzetti lokali għandhom jitħallsu mill-applikant.

(2) Malli jgħaddu s-sittin ġurnata kif speċifikat fis-subregolament (1):

(a) fil-każ illi ma jkun hemm ebda oġġezzjonijiet għat-talba u t-tariffi, il-Bord għandu japprova jew jirrifjuta t-talba għall-operazzjoni bħala organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv fil-perjodu ta' żmien indikat fl-avviż maħruġ mill-Bord kif hemm fis-subregolament (1)(a) u (ċ) kif jista' jkun il-każ u wara li jiġi kkunsidrat ir-regolament 4(3), (4) u (5); u

(b) fil-każ li jsiru oġġezzjoniet għat-talba u t-tariffi, il-Bord għandu japprova jew jirrifjuta t-talba għall-operazzjoni bħala organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv f'perjodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jitqies ir-regolament 4(3), (4) u (5) u r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet li jkunu saru.

(3) Meta jkun qed iqis xi talba għall-operazzjoni ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, il-Bord jista' jsejjaħ lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u lil kull persuna li tkun

VERŻJONI ELETTRONIKA

għamlet oġġezzjoni taħt is-subregolament (1)(d) għal aktar lmenti, u għandu jagħti l-opportunità lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv biex temenda t-talba tagħha hekk jista' jkun meħtieġ.

(4) Meta jkun qed iqis xi talba għall-operazzjoni ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv il-Bord jista', wara li jagħti lill-applikant id-dritt li jistema', jimponi dawk il-kondizzjonijiet proporzjonali meta jagħti dik l-approvazzjoni hekk kif jista' jqis li tkun adatta.

(5) Meta jieħu d-deċiżjoni tiegħu, il-Bord għandu malajr kemm jista' jkun:

(a) jibgħat kopja tad-deċiżjoni tiegħu lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun għamlet it-talba u lil kull persuna li tkun għamlet oġġezzjoni; u

(b) jippubblika d-deċiżjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(6) Jekk tittieħed id-deċiżjoni li tiġi approvata t-talba għall-operazzjoni ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, il-Bord għandu wkoll:

(a) jibgħat kopja tat-tariffi approvati, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Bord, lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun ippreżentat it-tariffa u lil kull persuna tkun għamlet l-oġġezzjoni; u

(b) jippublika t-tariffi approvati fil-Gazzetta.

Validità tat-tariffi.

10. (1) Tariffa approvata tkun effettiva sa dak iż-żmien meta tiġi approvata tariffa ġdida.

(2) Mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn tmien xhur qabel ma jiskadi l-perjodu ta' sentejn kalendarji mid-data meta tkun ġiet pubblikata fil-Gazzetta, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tippreżenta t-tariffi għas-sentejn ta' wara lill-Bord, li għandu mbagħad jikkunsidrahom kif jidher fil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk it-tariffa proposta tkun identika għat-tariffa ta' qabel, din tiġi approvata mill-Bord:

Iżda jekk ikunu ġew ippreżentati lill-Bord xi oġġezzjonijiet għat-tariffa fis-sentejn ta' qabel, il-Bord għandu jippermetti lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv twieġeb għal dawk l-oġġezzjonijiet, u wara li tingħata l-konsiderazzjoni dovuta lill-oġġezzjonijiet u t-tweġibiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

rilevanti, il-Bord għandu kemm jista' jkun malajr japprova jew jirrifjuta t-tariffa proposta;

(b) jekk it-tariffa proposta tkun tinkludi reviżjonijiet tat-tariffa ta' qabel, il-Bord għandu jimxi kif hemm fid-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(1) sa (3) li għandu x'jaqsam mat-tariffi.

Funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv.

11. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tista', f'isem, u bis-saħħa tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awturi u mis-sidien l-oħra tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini li huma membri tagħha jew li xort'oħra tkun tirrappreżenta minħabba f'kull ftehim ma' organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv lokali jew barranin, twettaq dawn il-ħidmiet li ġejjin:

(a) tagħti awtorizzazzjoni lil terzi li jwettqu l-atti involuti bid-drittijiet ekonomiċi esklużivi amministrati;

(b) tiġbor drittijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) u tiġbor rimunerazzjoni ġusta meta l-liġi tkun tipprovdi għal rimunerazzjoni bħal dik;

(ċ) tqassam id-drittijiet u r-rimunerazzjoni ġusta hekk miġbura fost l-awturi u s-sidien l-oħra tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini involuti;

(d) tieħu kull azzjoni legali meħtieġa għall-infurzar tad-drittijiet amministrati minnha;

(e) twettaq kull att ieħor awtorizzat, b'mod konformi mal-artikolu 24 tal-Att, mill-awturi u mis-sidien l-oħra tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini, jew mill-korpi li jirrappreżentawhom, li jkollhom id-drittijiet ekonomiċi esklużivi jew drittijiet għal rimunerazzjoni ġusta tagħhom amministrati.

(2) Kumpanniji, negozji, jew organizzazzjonijiet oħra li ma jikkonformawx mad-disposizzjonijiet speċifikati fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti għall-operazzjoni ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma jkollhom ebda dritt li:

(a) joħorġu liċenzi, jiġbru drittijiet, jew b'xi mod jamministraw drittijiet ekonomiċi li jirriżultaw mid-detenzjoni tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet viċini; jew

(b) jibdew xi azzjoni għall-ksur tad-drittijiet jew biex jiġu rkuprati xi *royalties*; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) xort’oħra jagħmlu xi funzjoni ta’ organizzazzjoni ta’ mmaniġġjar kollettiv kif hemm fid-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta’ dawn ir-regolamenti:

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3), ebda ħaġa f’dan is-subregolament ma għandha tolqot id-dritt tal-awturi u ta’ sidien oħra tad-drittijiet tal-awturi u drittijiet viċini milli jqabbdu rappreżentant legali direct biex jieħu ħsieb jew jamministra d-drittijiet ekonomiċi tagħhom:

Iżda dak l-istess rappreżentant legali jista’ biss jiġbor miżati f’isem il-klijenti tiegħu u jgħaddi dawk il-miżati direttament lill-klijenti tiegħu u mhux permezz ta’ skema ta’ ridistribuzzjoni kif soltu jiġu operati mill-organizzazzjonijiet ta’ mmaniġġjar kollettiv.

(3) Kumpaniji, negozji jew organizzazzjonijiet oħra li jaqdu l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta’ mmaniġġjar kollettiv kif hemm fid-disposizzjonijiet tal-Att u ta’ dawn ir-regolamenti għandhom jiġu kkunsidrati bħala organizzazzjonijiet ta’ mmaniġġjar kollettiv għall-finijiet tal-Att u ta’ dawn ir-regolamenti u għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet relevanti tagħhom.

Assemblea ġenerali tal-membri tal-organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv.

12. (1) Organizzazzjoni ta’ mmaniġġjar kollettiv għandha tiżgura li l-assemblea ġenerali tal-membri għandha tiġi organizzata mill-inqas darba fis-sena.

(2) L-assemblea ġenerali tal-membri għandha tiddeċiedi dwar kull emenda fl-istatut u dwar il-pattijiet ta’ adeżjoni tal-organizzazzjoni ta’ mmaniġġjar kollettiv, meta dawk il-pattijiet ma jkunux regolati mill-istatut.

(3) L-assemblea ġenerali tal-membri għandha tiddeċiedi dwar il-ħatra jew it-tneħħija tad-diretturi, teżamina mill-ġdid l-prestazzjoni ġenerali tagħhom u tapprova r-remunerazzjoni tagħhom u benefiċċji oħra bħal benefiċċji monetarji u mhux monetarji, għotjiet u drittijiet ta’ pensjoni, drittijiet għal għotjiet oħra u drittijiet għal waqfien mix-xogħol:

Iżda, f’organizzazzjoni ta’ mmaniġġjar kollettiv b’sistema ta’ bord doppju, l-assemblea ġenerali tal-membri ma għandhiex tiddeċiedi dwar il-ħatra jew it-tneħħija tal-membri tal-bord ta’ tmexxija jew tapprova r-remunerazzjoni u benefiċċji oħra tagħhom meta s-setgħa għat-teħid ta’ dawk id-deċiżjonijiet tkun delegata lill-bord superviżorju.

(4) Kif hemm fid-dispożizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II, l-assemblea ġenerali tal-membri għandha tiddeċiedi għall-anqas dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) il-politika ġenerali tat-tqassim ta' ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet;

(b) il-politika ġenerali dwar l-użu ta' ammonti li ma jistgħux jitqassmu;

(ċ) il-politika ta' investiment ġenerali fir-rigward tad-dħul mid-drittijiet u kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet;

(d) il-politika ġenerali dwar it-tnaqqis mid-dħul tad-drittijiet u minn kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet;

(e) l-użu ta' ammonti li ma jistgħux jitqassmu;

(f) il-politika tal-immaniġġjar tar-riskju;

(g) l-approvazzjoni ta' kull akkwist, bejgħ jew ipoteka ta' proprjetà immobbli;

(h) l-approvazzjoni ta' fużjonijiet u alleanzi, it-twaqqif ta' sussidjarji, u l-akkwist ta' entitajiet jew ishma jew drittijiet oħra f'entitajiet oħra;

(i) l-approvazzjoni tat-teħid ta' self, l-għoti ta' self jew il-provdiment ta' garanzija għal self.

(5) L-assemblea ġenerali tal-membri tista' tiddelega s-setgħat elenkati fis-subregolament (4)(f), (g), (h) u (i), permezz ta' riżoluzzjoni jew permezz ta' dispożizzjoni fl-istatut, lill-korp li jeżerċita l-funzjoni superviżorja.

(6) L-assemblea ġenerali tal-membri għandha tikkontrolla l-attivitajiet tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv billi, tal-anqas, tiddeċiedi dwar il-ħatra u t-tneħħija tal-awditur u l-approvazzjoni tar-rapport annwali dwar it-trasparenza msemmi fir-regolament 31:

Iżda sistemi jew modalitajiet alternattivi għall-ħatra u t-tneħħija tal-awditur, għandhom ikunu jiżguraw l-indipendenza tal-awditur mill-persuni li jimmaniġġjaw l-affarijiet tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

(7) Il-membri kollha tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw u jivvotaw fl-assemblea ġenerali tal-membri.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(8) Kull membru ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandu jkollu d-dritt li jaħtar kull persuna jew entità oħra bħala mandatarju biex tipparteċipa u tivvota fl-assemblea ġenerali tal-membri f'ismu, iżda dik il-ħatra ma għandhiex tirriżulta f'konflitt ta' interess li jista' jseħħ, b'eżempju, meta l-membru li jkun qed jagħmel il-ħatra u l-mandatarju jkunu jappartienu għal kategoriji differenti ta' detenturi tad-drittijiet fi ħdan l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv. Kull prokura għandha tkun valida għal assemblea ġenerali tal-membri waħda biss. Il-mandatarju għandu jkollu l-istess drittijiet fl-assemblea ġenerali tal-membri bħal dawk li kien ikun intitolat għalihom il-membru li jagħmel il-ħatra. Il-mandatarju għandu jivvota bħalma jgħidu l-istruzzjonijiet li jkunu ngħatawlu mill-membru li jkun ħatru.

(9) Meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, minħabba fil-forma ġuridika tagħha, ma jkollhiex assemblea ġenerali tal-membri, is-setgħat ta' dik l-assemblea għandhom jiġu eżerċitati mill-korp li jkun qed jeżerċita l-funzjoni superviżorja. Ir-regoli stabbiliti fis-subregolamenti (1) sa (4) u (6) għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal dak il-korp li jeżerċita l-funzjoni superviżorja.

Funzjoni superviżorja.

13. (1) Kull organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandu jkollha taħdem funzjoni superviżorja għas-sorveljar kontinwu tal-attivitajiet u t-twettiq tad-dmirijiet tal-persuni li jimmaniġġjaw in-negozju tal-organizzazzjoni.

(2) Il-korp li jeżerċita l-funzjoni superviżorja għandu jkun kompost minn kategoriji differenti tal-membri tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv b'mod ġust u bbilanċjat.

(3) Kull persuna li teżerċita l-funzjoni superviżorja għandha tagħmel dikjarazzjoni individwali annwali dwar kunflitti ta' interess li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fir-regolament 14(2)(b) lill-assemblea ġenerali tal-membri.

(4) Il-korp li jeżerċita l-funzjoni superviżorja għandu jiltaqa' b'mod regolari u għandu jkollu tal-anqas dawn il-poteri li ġejjin:

(a) li jeżerċita s-setgħat delegati lilu bl-assemblea ġenerali tal-membri, inkluż dak li hemm fir-regolament 12(3) u (5);

(b) li jissorvelja l-attivitajiet u t-twettiq tad-dmirijiet tal-persuni msemmija fir-regolament 10, inkluża l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-assemblea ġenerali tal-membri u, b'mod partikolari, ta' kull politika ġenerali elenkata fir-regolament 12(4)(a) sa (d).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Il-korp li jeżerċita l-funzjoni superviżorja għandu jirrapporta dwar l-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu lill-assemblea ġenerali tal-membri mill-anqas darba fis-sena.

Obbligi tal-persuni li jimmaniġġjaw in-negozju tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

14. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex dawk il-persuni li jimmaniġġjaw in-negozju tagħha jagħmlu dan b'mod sod, prudenti u adegwat, permezz ta' proċeduri amministrattivi u ta' kontabbiltà u mekkaniżmi ta' kontroll intern sodi.

(2) (a) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha timplimenta u tapplika proċeduri biex tevita kunflitti ta' interess, u meta dawk il-kunflitti ma jkunux jistgħu jiġu evitati, tuża proċeduri li jkunu jidentifikaw, jimmaniġġjaw, jissorveljaw u jiżvelaw kunflitti ta' interess attwali jew potenzjali b'tali mod li jiġi evitat milli dawn jaffettwa ħażin l-interessi kollettivi tad-detenturi tad-drittijiet rappreżentati mill-organizzazzjoni.

(b) Il-proċeduri msemmijin fil-paragrafu (a) għandhom jinkludu dikjarazzjoni annwali individwali minn kull waħda mill-persuni msemmija fis-subregolament (1) lill-assemblea ġenerali tal-membri, hekk li din tkun tinkludi din l-informazzjoni li ġejja:

(i) kull interess fl-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv;

(ii) kull remunerazzjoni riċevuta fis-sena finanzjarja ta' qabel mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, inkluża dik fil-forma ta' skemi ta' pensjonijiet, benefiċċji materjali u tipi oħra ta' benefiċċji;

(iii) kull ammont riċevut fis-sena finanzjarja ta' qabel bħala detentur tad-dritt mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv;

(iv) dikjarazzjoni dwar kull kunflitt reali jew potenzjali bejn kull interess personali u dawk tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jew bejn kull obbligu dovut lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u kull dmir dovut lil kull persuna oħra fiżika jew ġuridika.

Kapitolu 2

Immaniġġjar tad-dħul mid-drittijiet

Ġbir u użu ta' dħul mid-drittijiet.

15. (1) Organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv għandhom jikkonformaw mar-regoli stipulati fis-subregolamenti (2)

VERŻJONI ELETTRONIKA

sa (5).

(2) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tkun diliġenti fil-ġbir u l-immaniġġjar tad-dħul mid-drittijiet.

(3) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha żżomm separat fil-kontijiet tagħha:

(a) id-dħul mid-drittijiet u kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet; u

(b) kull attiv proprju li jista' jkollha u dħul derivat minn dak l-attiv, mit-tariffi tal-immaniġġjar jew minn attivitajiet oħra.

(4) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma għandhiex tkun tista' tuża d-dħul mid-drittijiet jew xi introjtu li jirriżulta mill-investiment ta' dħul mid-drittijiet għal finijiet li jmorru lil hinn mit-tqassim lid-detenturi tad-drittijiet, ħlief f'dawk il-każijiet meta tista' tnaqqas jew tpaċi t-tariffi tal-immaniġġjar tagħha b'konformità ma' deċiżjoni meħuda bi qbil mar-regolament 12(4)(d) jew li tuża d-dħul mid-drittijiet jew kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet b'konformità ma' deċiżjoni meħuda bi qbil mar-regolament 12(4).

(5) Meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tinvesti d-dħul mid-drittijiet jew kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet, hija għandha tagħmel dan fl-aħjar interess tad-detenturi tad-drittijiet li tkun tirrappreżenta d-drittijiet tagħhom, kif trid il-politika dwar l-investiment ġenerali u l- immaniġġjar tar-riskju msemmija fir-regolament 12(4)(ċ) u (f) u b'kunsiderazzjoni tar-regoli li ġejjin:

(a) meta jkun hemm xi kunflitt ta' interess potenzjali, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tiżgura li l-investiment isir biss fl-interess uniku ta' dawk id-detenturi tad-drittijiet;

(b) l-attiv għandu jkun investit sabiex jiżgura s-sigurtà, il-kwalità, il-likwidità u l-profittabbiltà tal-portafoll kollu kemm hu;

(ċ) l-attiv għandu jkun diversifikat sew biex tkun evitata dipendenza eċċessiva fuq kull attiv partikolari u akkumulazzjoni ta' riskji fil-portafoll kollu kemm hu.

Tnaqqis.

16. (1) Meta detentur tad-drittijiet jawtorizza organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv biex timmaniġġja d-drittijiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

tiegħu, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun mitluba tipprovdi lid-detentur tad-dritt b'informazzjoni dwar it-tariffi tal-immaniġġjar u tnaqqis ieħor mid-dħul mid-drittijiet u minn kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet, qabel ma jinkiseb il-kunsens tiegħu biex din timmaniġġja d-drittijiet tiegħu.

(2) It-tnaqqis għandu jkun raġonevoli paragunat mas-servizzi provduti mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv lid-detenturi tad-drittijiet, inkluż, fejn ikun xieraq, is-servizzi msemmija fis-subregolament (4), u dan għandu jiġi stabbilit abbażi ta' kriterji oġġettivi.

(3) (a) It-tariffi għall-immaniġġjar ma għandhomx jaqbżu l-ispejjeż ġustifikati u dokumentati li l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun nefqet fl-immaniġġjar tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati.

(b) Iktar minn hekk, ir-rekwiżiti applikabbli għall-użu u t-trasparenza dwar l-użu tal-ammonti mnaqqsa jew paċuti fir-rigward tat-tariffi għall-immaniġġjar għandhom japplikaw ukoll għal kull tnaqqis ieħor magħmul biex ikopri l-ispejjeż tal-immaniġġjar tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati.

(4) Meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tipprovdi servizzi soċjali, kulturali u edukattivi finanzjati permezz ta' tnaqqis mid-dħul mid-drittijiet jew minn kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet, dawk is- servizzi għandhom jiġu provduti abbażi ta' kriterji ġusti, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għal dawk is-servizzi u kemm dawn ikunu wesgħin.

Distribużżjoni ta' ammonti lil detenturi tad-drittijiet.

17. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 19(3) u r-regolament 35, organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tqassam u tħallas l-ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet b'mod regolari, diliġenti u preċiż kif trid il-politika ġenerali dwar it-tqassim imsemmi fil-paragrafu tar-regolament 12(4)(a).

(2) Organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv jew il-membri tagħhom li jkunu entitajiet li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet għandhom iqassmu u jħallsu dawk l-ammonti lid-detenturi tad-drittijiet malajr kemm jistà jkun iżda mhux aktar minn disa' xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja li tulha jkun inġabar id-dħul mid-drittijiet, kemm-il darba ma jkunx hemm raġunijiet oġġettivi relatati b'mod partikolari mar-rappurtar mill-utenti, l-identifikar tad-drittijiet, detenturi tad-drittijiet jew it-tqabbil ta' informazzjoni dwar xogħolijiet u materjal tematiku ieħor mad-detenturi tad-drittijiet li jipprevjenu lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jew, fejn japplika, lill-membri tagħha milli jissodisfaw dik l-iskadenza.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Meta l-ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet ma jkunux jistgħu jitqassmu sal-iskadenza stabbilita fis-subregolament (2) peress li d-detenturi tad-drittijiet rilevanti ma jkunux jistgħu jiġu identifikati jew jinstabu u li għalihom ma tapplikax l-eċċezzjoni għal dik l-iskadenza, dawk l-ammonti għandhom jinżammu separati fil-kontijiet tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

(4) (a) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, b'konformità mas-subregolament (1), biex tidentifika u ssib id-detenturi tad-drittijiet. B'mod partikolari, sa mhux aktar minn tliet xhur mit-tmiem tal-iskadenza stabbilita fis-subregolament (1), l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tagħmel disponibbli informazzjoni dwar ix-xogħolijiet u materjal tematiku ieħor li għalihom xi detentur tad-dritt jew bosta detenturi ma jkunux ġew identifikati jew misjuba:

(i) lid-detenturi tad-drittijiet li tirrappreżenta jew lill-entitajiet li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet, meta dawk l-entitajiet ikunu membri tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv; u

(ii) lill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv kollha li tkun għamlet magħhom xi ftehim ta' rappreżentanza.

(b) L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha tinkludi, meta din tkun disponibbli, dan li ġej:

(i) it-titolu tax-xogħol jew ta' kull materjal tematiku ieħor;

(ii) isem id-detentur tad-drittijiet;

(iii) isem il-pubblikatur jew produttur rilevanti; u

(iv) kull informazzjoni rilevanti oħra disponibbli li tista' tgħin biex jiġi identifikat d-detentur tad-drittijiet.

(ċ) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tivverifika ukoll kull dokumentazzjoni msemmija fir-regolament 6(d) u kull dokumentazzjoni oħra li tkun tista' tinkiseb b'mod faċli. Jekk il-miżuri msemmija hawn qabel jibqgħu ma jagħtux riżultati, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku sa mill-anqas sena wara t-tmiem tal-perjodu ta' tliet xhur.

(5) Meta l-ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet ma jkunux jistgħu jitqassmu wara tliet snin minn tmiem is-sena

VERŻJONI ELETTRONIKA

finanzjarja li fiha jkun sar il-ġbir tad-dħul mid-drittijiet, u sakemm l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun ħadet il-miżuri kollha meħtieġa biex tidentifika u ssib lid-detenturi tad- drittijiet imsemmija fis-subregolament (4), dawk l-ammonti għandhom jitqiesu bħala li ma jkunux jistgħu jitqassmu.

(6) L-assemblea ġenerali tal-membri of organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tiddeċiedi dwar l-użu ta' ammonti li ma jistgħux jitqassmu kif hemm fir-regolament 12(4)(b), mingħajr preġudizzju għad-dritt tad-detenturi tad-drittijiet li jitlobu dawk l-ammonti mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kif hemm fil-Kodiċi Ċivili fuq il-preskrizzjoni tat-talbiet.

Kap. 16.

(7) Organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv jistgħu jillimitaw jew jiddeċiedu dwar kull użi permess ta' ammonti li ma jistgħux jitqassmu, fost l-oħrajn, billi jiġi żgurat li dawk l-ammonti jintużaw b'mod separat u indipendenti sabiex jiġu finanzjati attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi għall-benefiċċju tad-detenturi tad-drittijiet.

Kapitolu 3

L-immaniġġjar tad-drittijiet f'isem organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra

Drittijiet immaniġġjati kif ikun hemm fi ftehim ta' rappreżentanza.

18. Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma għandhiex tiddiskrimina kontra xi detentur tad-drittijiet li timmaniġġja d-drittijiet tiegħu kif ikun hemm fi ftehim ta' rappreżentanza, b'mod partikolari fir-rigward tat-tariffi li jkunu japplikaw, it-tariffi tal-immaniġġjar, u l-kundizzjonijiet għall-ġbir tad-dħul mid-drittijiet u t-tqassim ta' ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet.

Tnaqqis u pagamenti fi ftehim ta' rappreżentanza.

19. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma għandha tapplika ebda tnaqqis, ħlief dwar tariffi għall-immaniġġjar, mid-dħul mid-drittijiet derivat mid-drittijiet li timmaniġġja abbażi ta' xi ftehim ta' rappreżentanza, jew minn kull introjtu li jirriżulta mill-investiment ta' dak id-dħul mid-drittijiet, kemm-il darba l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun parti fil-ftehim ta' rappreżentanza ma tagħtix kunsens ċar għal dak it-tnaqqis.

(2) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tqassam u tħallas l-ammonti dovuti lil organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra b'mod regolari, diliġenti u preċiż.

(3) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tagħmel dak it-tqassim u ħlasijiet lil organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn disa' xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja li fiha kien miġbur id-

VERŻJONI ELETTRONIKA

dħul mid-drittijiet, kemm-il darba raġunijiet oġġettivi relatati b'mod partikolari mar-rappurtar mill-utenti, l-identifikar tad-drittijiet, id-detenturi tad-drittijiet jew it-tqabbil ta' informazzjoni dwar xogħlijiet u materjal tematiku ieħor mad-detenturi tad-drittijiet, ma jkunux jipprevjenu lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv milli tlaħħaq sa dik l-iskadenza.

(4) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv l-oħra, jew, meta jkollha bħala membri tagħha entitajiet li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet, dawk il-membri, għandhom iqassmu u jħallsu lid-detenturi tad-drittijiet l-ammonti dovuti lilhom malajr kemm jistà jkun imma mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jkunu ġew riċevuti dawk l-ammonti, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet oġġettivi relatati b'mod partikolari mar-rappurtar mill-utenti, l-identifikar tad-drittijiet, tad-detenturi tad-drittijiet jew it-tqabbil ta' informazzjoni dwar xogħolijiet u materjal tematiku ieħor mad-detenturi tad-drittijiet li jipprevjenu l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jew, meta jkun japplika, lill- membri tagħha milli jilħqu dik l-iskadenza.

Kapitolu 4

Relazzjonijiet mal-utenti

Ħruġ ta' liċenzi.

20. (1) L-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u l-utenti għandhom jidħlu f'negozjati għall-ħruġ ta' liċenzi tad-drittijiet *in bona fede*. L-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u l-utenti għandhom jagħtu lil xulxin kull informazzjoni meħtieġa.

(2) Il-pattijiet għall-ħruġ ta' liċenzi għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Meta organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv joħorġu l-liċenzi, dawn mhumiex meħtieġa jużaw, bħala preċedent għal servizzi onlajn oħra, pattijet għall-ħruġ ta' liċenzi mifthiema ma' xi utent, meta l-utent jipprovdi tip ġdid ta' servizz onlajn li kien disponibbli għall-pubbliku fl-Unjoni Ewropea għal inqas minn tliet snin.

(3) Id-detenturi tad-drittijiet għandhom jirċievu remunerazzjoni xierqa għall-użu tad-drittijiet tagħhom. Tariffi għal drittijiet esklussivi u għal drittijiet ta' rimunerazzjoni għandhom ikunu raġonevoli fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-valur ekonomiku tal-użu tad-drittijiet negozjati, kont meħud tax-xorta u tal-ambitu tal-użu tax-xogħol u ta' suġġetti oħra, kif ukoll fir-rigward tal-valur ekonomiku tas-servizz provdut mill-organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv. L-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv għandhom jgħarrfu lill-utent involut fuq il-kriterji użati biex jiġu stabbiliti dawk it-tariffi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) L-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv għandhom jirrispondu mingħajr dewmien għat-talbiet mill-utenti, billi jindikaw, fost l-oħrajn l-informazzjoni meħtieġa biex l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun tista' toffri liċenza.

(5) Hekk kif tirċievi l-informazzjoni kollha rilevanti, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha, mingħajr dewmien żejjed, jew toffri liċenza jew inkella tipprovdi lill-utent b'dikjarazzjoni motivata li fiha tispjega għaliex ma tkunx biħsiebha toħroġ liċenza għal xi servizz partikolari.

(6) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tippermetti lill-utenti jikkomunikaw magħha b'mezzi elettroniċi, inkluż fejn ikun xieraq, għall-finijiet ta' rappurtar dwar l-użu tal-liċenza.

Informazzjoni fuq organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

21. (1) L-awturi u s-sidien oħra tad-drittijiet ta' l-awtur u ta' drittijiet viċini li jkollhom id-drittijiet tagħhom amministrati, ikollhom id-dritt li jiksbu tagħrif sħiħ u dettaljat dwar l-attivitajiet kollha tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li jkunu jolqtu it-twettiq ta' dawk id-drittijiet tagħhom.

(2) Kull organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha twieġeb fi żmien raġonevoli għal kull talba raġonevoli mill-pubbliku għal informazzjoni dwar -

(a) ir-repertorju tagħha ta' xogħlijiet, wirjiet ta' artisti jew reġistrazzjonijiet ta' smigħ;

(b) is-sistema tagħha ta' ġbir u tqassim ta' drittijiet u rimunerazzjoni ġusta; u

(ċ) it-tariffa tagħha tar-royalties kollha f'użu korrenti li għandhom jinġabru mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

(3) Talba għal informazzjoni li ssir kif hemm fis-subregolamenti (1) u (2) għandha ssir jew lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv direttament jew flimkien mal-ħlas tal-miżata preskritta lill-awtorità kompetenti li taqa' taħt il-Ministeru responsabbli għall-proprjetà intelletwali. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Bord dwar it-talba. Il-Bord għandu jqis it-talba u jekk din titqies raġonevoli kif hemm fis-subregolament (2), il-Bord għandu:

(a) jipprovdi aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jekk din tkun diġà saret disponibbli għall-Bord mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) jitlob dik l-informazzjoni mingħand l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u jibgħat l-informazzjoni miksuba lill-persuna li tkun qed titlobha.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera mal-entità nominata kif hemm fl-artikolu 10(3) tal-Att dwar Servizzi li Jingħataw fis-Suq Intern, biex tiżgura li l-informazzjoni ġenerali dwar ir-rekwiżiti li japplikaw fi Stati Membri oħra dwar l-aċċess għal, u l-eżerċizzju ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u l-mezzi jew ir-rimedju disponibbli f'każ ta' tilwima li tkun tinvolvi lil xi riċevitur tas-servizzi ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, ikunu aċċessibli faċilment għall-provdituri u r-riċevituri. Kap. 500.

22. Awturi u sidien oħra tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini li ma jkunux ta' nazzjonalità Maltija, jew li jkollhom ir-residenza normali tagħhom jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra minn Malta, u li jkollhom id-drittijiet tagħhom amministarati minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv f'Malta, għandhom igawdu, għar-rigward tal-amministrazzjoni tad-drittijiet tagħhom, l-istess trattament bħal dawk l-awturi u sidien oħra tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini jew li jkunu membri ta', jew xort'oħra jkunu rappreżentati mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u li jkollhom nazzjonalità Maltija, jew ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'Malta. Trattament nazzjonali.

23. (1) Kull organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha minnufih tipprovdi lill-Bord, kopja: Dmir li jiġu provduti dokumenti.

(a) ta' kull emenda għall-istatuti jew regolamenti tagħha msemmija fir-regolament 8(2);

(b) ta' kull kuntratt bilaterali jew multilaterali ġdid jew miżjud li jolqot l-amministrazzjoni ta' drittijiet ta' awturi barranin u ta' sidien oħra barranin tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini u ta' kull emenda li ssirilhom;

(ċ) ta' kull kuntratt ġdid jew addizzjonali ma' xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv lokali oħra;

(d) tal-bilanċ annwali, ir-rapport annwali u r-rapport tal-awditur li jinvolvu t-tħaddim tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

(2) Kull organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha minnufih tgħarraf lill-Bord b'kull bidla li tinvolvi lill-persuni fiżiċi li jistgħu leġittimament jirrappreżentawha.

(3) Fuq talba tal-Bord, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar

VERŻJONI ELETTRONIKA

kollettiv għandha tipprovdi kull tagħrif ulterjuri li jkun meħtieġ biex jiġi stabbilit jekk l-operat tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ikunx konformi jew le mal-istatuti tal-organizzazzjoni u mad-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti u jekk ikunx qiegħed jiġi żgurat jew le t-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv. Meta jitlob dak it-tagħrif, il-Bord għandu jistabilixxi terminu raġonevoli hekk kif iħoss li jkun adatt biex l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun tista' tħares dak li tintalab tagħmel.

Revoka tal-awtorizzazzjoni.

24. Il-Bord għandu jirrevoka l-awtorizzazzjoni mogħtija lil kumpanniji, negozji jew organizzazzjonijiet oħra biex jaġixxu bħala organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jekk isseħħ xi raġuni li għaliha l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kienet kieku tiġi miċħuda kif speċifikat fir-regolament 9(3) u (4), kemm-il darba ċ-ċirkostanzi li wasslu għal dik ir-raġuni ma jiġux rimedjati fi żmien raġonevoli stabbilit mill-Bord, jew, jekk, minkejja avviż li jingħata mill-Bord, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ripetutament tikser l-istatuti tagħha, ir-regolamenti tagħha msemmija fir-regolament 8(2) jew id-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta' dawn ir-regolamenti.

Obbligi tal-utent.

25. (1) L-utenti għandhom jipprovdu lil organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, fi żmien miftiehem jew stabbilit minn qabel u f'format miftiehem jew stabbilit minn qabel, dik l-informazzjoni rilevanti kollha li jkollhom disponibbli dwar l-użu tad-drittijiet rappreżentati mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun meħtieġa għall-ġbir tad-dħul mid-drittijiet u għat-tqassim u l-ħlas tal-ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet. Meta tkun qegħda tiddeċiedi fuq il-format għall-prodiment ta' dik l-informazzjoni, l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u l-utenti għandhom jikkunsidraw, sa fejn ikun possibbli, standards industrijali volontarji.

(2) L-utenti li jwettqu attijiet awtorizzati minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jew attijiet li għalihom, għalkemm ma tkunx meħtieġa awtorizzazzjoni, xorta għandha titħallas rimunerazzjoni ġusta lil organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, għandhom:

(a) jiffaċilitaw is-sorveljar, mir-rappreżentanti tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, tal-attijiet li jkunu awtorizzati jew li dwarhom ikollha titħallas rimunerazzjoni ġusta;

(b) jekk ikun meħtieġ, jagħtu lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kull tagħrif li jkollhom disponibbli li jkun jittratta fuq l-attijiet imwettqa dwar ix-xogħlijiet involuti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kapitolu 5

Trasparenza u Rappurtar

Informazzjoni pprovduta lid-detenturi tad-drittijiet dwar l-immaniġġjar tad-drittijiet tagħhom.

26. (1) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament u regolamenti 27 u 35(2), organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni, mhux anqas minn darba fis-sena, ta' kull wieħed mid-detenturi tad-drittijiet li lilu tkun attribwiet d-dħul mid-drittijiet jew tkun għamlitlu pagamenti matul il-perjodu li għalih tkun tirreferi l-informazzjoni, tal-anqas din l-informazzjoni li ġejja:

(a) kull tagħrif biex isir kuntatt li d-detentur tad-drittijiet ikun awtorizza lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tuża biex jiġi identifat u jinstab id-detentur tad-drittijiet;

(b) id-dħul mid-drittijiet attribwit lid-detentur tad-drittijiet;

(ċ) l-ammonti mħallsa mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv lid-detentur tad-drittijiet għall-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati, u għat-tip ta' użu;

(d) il-perjodu li matulu jkun sar kull użu li għalihom kienu allokati u mħallsa ammonti lid-detentur tad-drittijiet, kemm-il darba ma jkunx hemm raġunijiet oġġettivi relatati mar-rappurtar mill-utenti li jipprevjeni lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv milli tipprovdi din l-informazzjoni;

(e) it-tnaqqis li sar fir-rigward tat-tariffi tal-immaniġġjar;

(f) it-tnaqqis li sar għal kull skop ħlief fir-rigward tat-tariffi tal-immaniġġjar, inklużi dawk li jistgħu jkunu meħtieġa mil-liġi nazzjonali għall-provdiment ta' kull servizz soċjali, kulturali u edukattiv;

(g) kull dħul mid-drittijiet attribwit lid-detentur tad-drittijiet li jkun pendenti għal xi perjodu.

(2) Meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tattribwixxi dħul mid-drittijiet u jkollha bħala membri tagħha entitajiet li jkunu responsabbli għat-tqassim ta' dħul mid-drittijiet lid-detenturi tad-drittijiet, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tipprovdi l-informazzjoni elenkata fis-subregolament (1) lil dawk l-entitajiet, sakemm ma jkollhomx dik l-informazzjoni f'idejhom. L-entitajiet għandhom tal-anqas jagħmlu disponibbli l-informazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

elenkata fis-subregolament (1), mhux anqas minn darba fis-sena, lil kull detentur tad-drittijiet li jkunu attribwewlu dħul mid-drittijiet jew għamlulu pagamenti fil-perjodu li jkopri dik l-informazzjoni.

Informazzjoni provduta lill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra dwar l-immaniġġjar tad-drittijiet kif hemm f'kull ftehim ta' rappreżentanza.

27. Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha mill-inqas tagħmel disponibbli l-informazzjoni li ġejja, mhux inqas minn darba kull sena u permezz ta' mezzi elettroniċi, lil organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li jimmaniġġjaw id-drittijiet f'isimha taħt ftehim ta' rappreżentanza, għall-perjodu li l-informazzjoni tkun tirreferi għalih:

(a) id-dħul mid-drittijiet attribwiti, l-ammonti mħallsa mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għal kull kategorija ta' drittijiet li timmaniġġja, u għal kull tip ta' użu, għad-drittijiet li timmaniġġja taħt il-ftehim ta' rappreżentanza, u kull dħul mid-drittijiet attribwiti li jkunu żejda għal kull perjodu;

(b) it-tnaqqis li jkun sar fir-rigward tat-tariffi tal-immaniġġjar;

(ċ) it-tnaqqis li jkun sar għal kull raġuni ħlief fir-rigward tat-tariffi tal-immaniġġjar kif imsemmija fir-regolament 19;

(d) informazzjoni dwar liċenzi mogħtija jew rifjutati fir- rigward ta' xogħlijiet u materjal tematiku ieħor involuti mill-ftehim ta' rappreżentanza;

(e) riżoluzzjonijiet adottati mill-assemblea ġenerali tal-membri sakemm dawk ir-riżoluzzjonijiet jkunu rilevanti għall-immaniġġjar tad-drittijiet taħt il-ftehim ta' rappreżentanza.

Informazzjoni pprovduta lid-detenturi tad-drittijiet, organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra u utenti, fuq talba.

28. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 32, b'risposta għal talba debitament ġustifikata, organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha mill-inqas tagħmel disponibbli l-informazzjoni li ġejja b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien żejjed lil xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li f'isimha tkun timmaniġġja d-drittijiet taħt xi ftehim ta' rappreżentanza jew lil xi detentur tad-drittijiet jew lil kull utent:

(a) ix-xogħlijiet jew materjal tematiku ieħor li tirrappreżenta, id-drittijiet li timmaniġġja, direttament jew taħt kull ftehim ta' rappreżentanza, u t-territorji involuti; jew

(b) meta, minħabba l-ambitu tal-attività tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, dawk ix-xogħlijiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

jew materjal tematiku ieħor ma jistgħux jiġu stabbiliti, it-tipi ta' xogħlijiet jew ta' materjal tematiku ieħor li tkun tirrappreżenta, id-drittijiet li timmaniġġja u t-territorji involuti.

Divulgazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku.

29. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tagħmel disponibbli mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-istatut tagħha;

(b) il-pattijiet ta' adeżjoni tagħha u l-pattijiet ta' terminazzjoni tal-awtorizzazzjoni għall-immaniġġjar tad-drittijiet, jekk dawn ma jkunux inklużi fl-istatut;

(ċ) il-kuntratti ta' ħruġ ta' liċenzi standard u t-tariffi standard applikabbli, inkluż kull tnaqqis;

(d) il-lista tal-persuni msemmija fir-regolament 14;

(e) il-politika ġenerali tagħha dwar it-tqassim tal-ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet;

(f) il-politika ġenerali tagħha fuq it-tariffi tal-immaniġġjar;

(g) il-politika ġenerali tagħha fuq it-tnaqqis, ħlief fir-rigward tat-tariffi tal-immaniġġjar, mid-dħul mid-drittijiet u minn kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet, inkluż it-tnaqqis għall-finijiet ta' servizzi soċjali, kulturali u edukattivi;

(h) lista ta' kull ftehim ta' rappreżentanza li tkun tifforma parti minnhom, u l-ismijiet ta' organizzazzjonijiet ta' mmaniġjar kollettivi li magħhom sar kull fehim ta' rappreżentanza bħal dak;

(i) il-politika ġenerali dwar l-użu ta' ammonti li ma jistgħux jitqassmu;

(j) il-proċeduri ta' trattament tal-ilmenti u ta' riżolviment ta' tilwim disponibbli kif hemm fir-regolamenti 40, 41 u 42.

(2) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tippubblika u żżomm aġġornata fuq il-websajt tagħha l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1).

Rapport annwali dwar it-trasparenza.

30.(1) (a) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, irrispettivament mill-forma ġuridika tiegħu kif hemm taħt il-liġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

nazzjonali, għandha tfassal u tippubblika, rapport annwali dwar it-trasparenza, inkluż ir-rapport speċjali msemmi fis-subregolament (3), għal kull sena finanzjarja, sa mhux aktar tard minn tmien xhur wara t-tmiem ta' dik is-sena finanzjarja.

(b) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha r-rapport annwali dwar it-trasparenza, li għandu jibqa' disponibbli għall-pubbliku fuq dik il-websajt għal mill-inqas ħames snin.

(2) Ir-rapport annwali dwar it-trasparenza għandu jkun mill-inqas jinkludi l-informazzjoni stipulata fl-Ewwel Skeda.

(3) Ir-rapport speċjali għandu jindirizza l-użu tal-ammonti mnaqqsa għall-finijiet ta' servizzi soċjali, kulturali u edukattivi u għandu jkun mill-inqas jinkludi l-informazzjoni stabbilita fil-punt 3 tal-Ewwel Skeda.

(4) (a) L-informazzjoni dwar il-kontabbiltà li tkun inkluża fir-rapport annwali dwar it-trasparenza għandha tiġi awditjata minn persuna waħda jew aktar li tkun mogħtija s-setgħa bil-liġi biex tagħmel awditu tal-kontijiet kif hemm fid-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(b) Ir-rapport tal-awditu, inkluża kull kwalifika għal dan, għandhom jiġu riprodotti b'mod sħiħ fir-rapport annwali dwar it-trasparenza.

(ċ) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-informazzjoni dwar il-kontabbiltà, għandha tkun tinkludi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1(a) tal-Ewwel Skeda u kull informazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafi 1(g) u (h) u 2 tal-Ewwel Skeda.

Titolu III

Ħruġ ta' Liċenzi Multiterritorjali ta' Drittijiet Onlajn f'Xogħlijiet Mużikali mill-organizzazzjonijiet ta' Mmaniġġjar Kollettiv

Kapaċità li jiġu pproċessati liċenzi multiterritorjali.

31. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, li tkun stabbilita f'Malta, li toħroġ liċenzi multiterritorjali għal drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali, ikollha l-kapaċità suffiċjenti biex tipproċessa elettronikament b'mod effiċjenti u trasparenti, id-*data* meħtieġa għall-amministrazzjoni ta' dawn il-liċenzi, inkluż għall-finijiet tal-identifikazzjoni tar-repertorju u l-monitoraġġ tal-użu tiegħu, il-fatturazzjoni tal-utenti, il-ġbir tad-dħul mid-drittijiet u t-tqassim tal-ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha, mill-inqas, tikkonforma ruħha ma' dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li jkollha l-kapaċità li tidentifika b'mod preċiż ix-xogħlijiet mużikali li l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun awtorizzata li tirrappreżenta;

(b) li jkollha l-kapaċità li tidentifika b'mod preċiż, b'mod sħiħ jew parzjali, fir-rigward ta' kull territorju rilevanti, id-drittijiet u d-detenturi tad-drittijiet relattivi għal kull xogħol mużikali jew parteċipazzjoni fihom li l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun awtorizzata li tirrappreżenta;

(ċ) li tagħmel użu minn identifikaturi uniċi sabiex jiġu identifikati detenturi tad-drittijiet u xogħlijiet mużikali, kont meħud, sa fejn ikun possibbli, ta' standards u prattiki industrijali volontarji li jkunu ġew żviluppati fuq livell internazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea;

(d) li tagħmel użu minn mezzi adegwati biex tidentifika u tirriżolvi fil-ħin u b'mod effettiv kull inkonsistenzi fid-*data* miżmuma minn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra li joħorġu liċenzi multiterritorjali għal drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali.

Trasparenza ta' informazzjoni ta' repertorju multiterritorjali.

32. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li toħroġ liċenzi multiterritorjali għal drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali għandha tipprovdi lill-provdituri ta' servizz onlajn, lid-detenturi tad-drittijiet li tirrappreżenta d-drittijiet tagħhom u lil organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħrajn, b'mezzi elettroniċi, b'risposta għal talba debitament ġustifikata, informazzjoni aġġornata li tkun tippermetti l-identifikazzjoni tar-repertorju ta' mużika onlajn li di tkun tirrappreżenta. Din għandha tkun tinkludi:

(a) ix-xogħlijiet mużikali rappreżentati;

(b) id-drittijiet rappreżentati b'mod sħiħ jew parzjali; u

(ċ) it-territorji involuti.

(2) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tista' tieħu miżuri raġonevoli, meta jkun meħtieġ, biex tħares il-preċiżjoni u l-integrità tad-*data*, biex tikkontrolla l-użu tagħhom mill-ġdid u biex tħares kull informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Preċiżjoni ta' informazzjoni ta' repertorju multiterritorjali.

33. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li toħroġ liċenzi multiterritorjali għal drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali għandu jkollha fis-seħħ arranġamenti li jkunu jippermettu lid-detenturi tad-drittijiet, lil organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra u lil provdituri ta' servizzi onlajn li jitolbu korrezzjoni tad-*data* msemmija fil-lista ta' kondizzjonijiet taħt ir-regolament 31(2) jew l-informazzjoni provduta li hemm taħt ir-regolament 32, meta dawk id-detenturi tad-drittijiet, organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u provdituri ta' servizzi onlajn, abbażi ta' provi raġonevoli, ikunu tal-fehma li d-*data* jew l-informazzjoni ma jkunux preċiżi fir-rigward tad-drittijiet tagħhom onlajn f'xogħlijiet mużikali. Meta l-pretensjonijiet ikunu sostanzjati biżżejjed, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tiżgura li d-*data* jew l-informazzjoni jiġu korretti bla ebda dewmien żejjed.

(2) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tipprovdi lid-detenturi tad-drittijiet li x-xogħlijiet tagħhom ikunu inklużi fir-repertorju mużikali tagħha u lid-detenturi tad-drittijiet li jkunu fdaw l-immaniġġjar tad-drittijiet onlajn tax-xogħolijiet mużikali tagħhom kif hemm fir-regolament 38 bil-mezzi ta' sottomissjoni lilha, f'format elettroniku informazzjoni dwar ix-xogħlijiet mużikali jew id-drittijiet tagħhom f'dawk ix-xogħlijiet u t-territorji li fihom id-detenturi tad-drittijiet ikunu jawtorizzaw lill-organizzazzjoni. Meta tagħmel dan, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv u d-detenturi tad-drittijiet għandhom sa fejn ikun possibbli jqisu, standards jew prattiki industrijali volontarji f'dak li hu l-iskambju ta' *data* li ġie żviluppat fuq livell internazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea, u għandha tippermetti lid-detenturi tad-drittijiet jispeċifikaw ix-xogħol mużikali, b'mod sħiħ jew parzjali, id-drittijiet onlajn, b'mod sħiħ jew parzjali, u t-territorji, li dwarhom ikunu jawtorizzaw l-organizzazzjoni.

(3) Meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tawtorizza lil xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra li tagħti liċenzi multiterritorjali għad-drittijiet onlajn tax-xogħolijiet mużikali taħt ir-regolamenti 36 u 37, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv awtorizzata għandha ukoll tapplika s-subregolament (2) ta' dan ir-regolament fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet li x-xogħolijiet mużikali tagħhom jiġu inklużi fir-repertorju tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, kemm-il darba l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv ma jaqblux xort'oħra.

Rappurtar u fatturazzjoni b'mod preċiż u fil-ħin.

34. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha tissorvelja l-użu ta' drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali li tkun tirrappreżenta, b'mod sħiħ jew parzjali, minn provdituri tas-servizz ta' mużika onlajn li tkun ħarġitilhom liċenza multiterritorjali għal dawk id-drittijiet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha toffri lill-provdituri tas-servizzi ta' mużika onlajn, il-possibbiltà li jirrappurtaw b'mezzi elettroniċi l-użu reali ta' drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali u l-provdituri tas-servizzi onlajn għandhom jirrapportaw b'mod preċiż l-użu reali ta' dawk ix-xogħolijiet. Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha toffri l-użu mill-inqas ta' metodu wieħed ta' rappurtar li jkun iqis standards u l-prattiki industrijali volontarji li jkunu ġew żviluppati fuq livell internazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea għall-iskambju elettroniku ta' *data* bħal dawk. Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tista' tirrifjuta li taċċetta r-rappurtar mill-provditur ta' servizz onlajn f'format proprjetarju jekk l-organizzazzjoni tkun tippermetti r-rappurtar billi tuża standard tal-industrija għall-iskambju elettroniku ta' *data*.

(3) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha toħroġ fattura lill-provditur tas-servizz ta' mużika onlajn b'mezz elettroniku. Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha toffri l-użu ta' mill-anqas format wieħed li jkun iqis standards jew prattiki industrijali volontarji li jkunu żviluppati fuq livell internazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea. Il-fattura għandha tidentifika x-xogħlijiet u d-drittijiet li jkollhom liċenza, b'mod sħiħ jew parzjali, abbażi tad-*data* msemmija fil-lista tal-kondizzjonijiet taħt ir-regolament 31(2), u kull użu reali relattiv, sa fejn dan ikun possibbli abbażi tal-informazzjoni provduta mill-provditur ta' servizz onlajn u l-format użat biex tingħata dik l-informazzjoni. Il-provditur ta' servizz onlajn ma jistax jirrifjuta li jaċċetta il-fattura minħabba l-format tagħha jekk l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun qegħda tuża format industrijali *standard*.

(4) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha toħroġ fattura b'mod preċiż u mingħajr dewmien lill-provditur tas-servizz ta' mużika onlajn, wara li jkun ġie rrappurtat l-użu reali tax-xogħol mużikali, ħlief meta dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet attribwibbli lill-provditur tas-servizz ta' mużika onlajn.

(5) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandu jkollha fis-seħħ arranġamenti adegwati li jkunu jippermettu lill-provditur tas-servizz ta' mużika onlajn li jikkontesta l-korrettezza tal-fattura, inkluż meta l-provditur tas-servizz ta' mużika onlajn jirċievi fatturi minn xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kolletiv waħda jew aktar għall-istess drittijiet onlajn fl-istess xogħol mużikali.

Ħlasijiet preċiżi u fil-ħin lid-detenturi tad-drittijiet.

35. (1) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (3), organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li toħroġ liċenzi multiterritorjali għal drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali għandha tqassam l-ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet li jkunu

VERŻJONI ELETTRONIKA

akkumulaw minn dawn il-liċenzi b'mod preċiż u mingħajr dewmien wara li jkun ġie rrappurtat l-użu reali tax-xogħol, ħlief meta dan ma jkunx possibbli minħabba f'raġunijiet attribwibbli lill-fornitur tas-servizz ta' mużika onlajn.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (3), l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha mill-inqas tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lid-detenturi tad-drittijiet flimkien ma' kull pagament li tagħmel taħt is-subregolament (1):

(a) il-perjodu li matulu jkun saru kull użu li għalih ikunu dovuti l-ammonti lid-detenturi tad-drittijiet u t-territorji fejn ikun sar l-użu;

(b) l-ammonti miġbura, it-tnaqqis magħmul u l-ammonti mqassma mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għal kull xogħol u dritt fi kull xogħol mużikali li d-detenturi tad-drittijiet jkunu awtorizzaw lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv biex, b'mod sħiħ jew parzjali, tirrappreżentahom;

(ċ) l-ammonti miġbura għad-detenturi tad-drittijiet, it-tnaqqis li jkun sar u l-ammonti mqassma mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv fir-rigward ta' kull provditur ta' servizz onlajn.

(3) Meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tawtorizza lil xi organizzazzjoni oħra ta' mmaniġġjar kollettiv, toħroġ liċenzi multiterritorjali għad-drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali taħt ir-regolamenti 36 u 37, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv awtorizzata għandha tqassam l-ammonti msemmija fis-subregolament (1) b'mod preċiż u mingħajr dewmien u għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (2) lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun qegħda tagħti l-awtorizzazzjoni. L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun qegħda tagħti l-awtorizzazzjoni għandha tkun responsabbli għat-tqassim li jsir wara ta' dawn l-ammonti u għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lid-detenturi tad-drittijiet, kemm-il darba l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv ma jaqblux xort'oħra.

Ftehim li jsir bejn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv għal ħruġ ta' liċenzi multiterritorjali.

36. (1) Kull ftehim ta' rappreżentanza bejn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li bih organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tawtorizza lil organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra, toħroġ liċenzi multiterritorjali għad-drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali fir-repertorju ta' mużika tagħha, ikollu natura mhux esklussiva. L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv awtorizzata għandha timmaniġġja dawk id-drittijiet onlajn fuq bażi

VERŻJONI ELETTRONIKA

mhux diskriminatorja.

(2) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun qegħda tagħti l-awtorizzazzjoni għandha tinforma lill-membri tagħha bil-pattijiet ewlenin tal-ftehim, inkluż it-tul tal-ftehim u l-ispejjeż tas-servizzi provduti mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv awtorizzata.

(3) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv awtorizzata għandha tinforma lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tagħti l-awtorizzazzjoni dwar il-pattijiet ewlenin li fuqhom tkun se tingħata liċenza tad-drittijiet onlajn ta' din l-aħħar imsemmija, inkluż x-xorta ta' sfruttament, id-dispożizzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tariffa tal-liċenza jew li jaffettwawha, il-perjodu ta' żmien tal-liċenza, il-perjodi ta' żmien tal-kontabbiltà u t-territorji involuti.

Obbligu ta' rappreżentanza ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra għall-ħruġ ta' liċenzi multiterritorjali.

37. (1) Meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li ma toħroġx jew ma toffrix li toħroġ liċenzi multiterritorjali għad-drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali fir-repertorju mużikali tagħha, titlob lil xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra biex tidħol fi ftehim ta' rappreżentanza biex tirrappreżenta dawk id-drittijiet, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun obbligata tilqa' dik it-talba jekk din diġà tkun qegħda tagħti jew toffri li tagħti liċenzi multiterritorjali għall-istess kategorija ta' drittijiet onlajn f'xogħolijiet mużikali fir-repertorju ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv waħda jew aktar.

(2) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mitluba għandha twieġeb lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun qegħda tressaq it-talba bil-miktub u bla ebda dewmien.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (5) u (6), l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mitluba għandha timmaniġġja r-repertorju rappreżentat tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li hija tapplika għall-immaniġġjar tar-repertorju tagħha stess.

(4) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mitluba għandha tinkludi r-repertorju tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun qed tressaq it-talba fl-offerti kollha li hija tindirizza lil fornituri ta' servizzi onlajn.

(5) It-tariffa tal-immaniġġjar għas-servizz ipprovdut mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mitluba għall-organizzazzjoni li tkun qegħda tressaq it-talba, ma għandhiex tkun iżjed mill-ispejjeż li l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv

VERŻJONI ELETTRONIKA

miltuba raġonevolment tagħmel.

(6) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tad-drittijiet li tressaq it-talba għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mitluba l-informazzjoni dwar ir-repertorju ta' mużika tagħha meħtieġa għall-ħruġ ta' liċenzi multiterritorjali għal drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali. Meta l-informazzjoni tkun insuffiċjenti jew tingħata f'format li ma tippermettix lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mitluba tilħaq ir-rekwiżiti ta' dan it-Titolu, l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mitluba ikollha jedd titlob l-ispejjeż raġonevoli li tkun għamlet biex tilħaq dawn ir-rekwiżiti jew inkella li teskludi dawn ix-xogħlijiet li għalihom l-informazzjoni tkun waħda insuffiċjenti jew li ma tistax tintuża.

Aċċess għall-ħruġ ta' liċenzi multiterritorjali.

38. Meta organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma toħroġx jew ma toffrix li toħroġ liċenzi multiterritorjali għal drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali jew ma tippermettix lil xi organizzazzjoni oħra ta' mmaniġġjar kollettiv tirrappreżenta dawk id-drittijiet għal dak l-iskop sal-10 ta' April 2017, id-detenturi tad-drittijiet li jkunu awtorizzaw lil dik l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tirrappreżenta d-drittijiet onlajn tagħhom f'xogħlijiet mużikali, jistgħu jirtiraw minn dik l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv id-drittijiet onlajn tagħhom f'xogħlijiet mużikali għall-finijiet tal-ħruġ ta' liċenzi multiterritorjali fir-rigward tat-territorji kollha mingħajr ma jkunu obbligati li jirtiraw id-drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali għall-finijiet ta' ħruġ ta' liċenzi monoterritorjali, b'mod li jkunu jistgħu jagħtu liċenzi multiterritorjali għad-drittijiet onlajn tagħhom f'xogħlijiet mużikali, huma nnifishom jew permezz ta' xi parti oħra li huma jawtorizzaw jew permezz ta' xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tkun tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

Deroga għal drittijiet ta' mużika onlajn meħtieġa għal programmi tar-radju u tat-televiżjoni.

39. Il-ħtiġiet taħt dan it-Titolu ma għandhomx ikunu japplikaw għall-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv meta dawn jagħtu, abbażi tal-aggregazzjoni volontarja tad-drittijiet meħtieġa, f'konformità mar-regoli tad-dritt dwar il-kompetizzjoni taħt l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, liċenza multiterritorjali għad-drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali meħtieġa minn xandar biex jikkomunika jew jagħmel disponibbli għall-pubbliku l-programmi tar-radju jew televiżivi tiegħu fl-istess ħin li dawn jixxandru max-xandira inizjali tagħhom jew wara dik l-ewwel xandira, kif ukoll kull materjal ieħor onlajn, inkluż wiri b'mod antiċipat,li jiġi prodott mix-xandar jew għalih u li jkun anċillari mal-ewwel xandira tal-programm tar-radju jew televiżiv tiegħu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Titolu IV

Miżuri ta' Infurzar

Proċeduri ta' lmenti.

40. (1) Organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv għandhom jagħmlu disponibbli għall-membri tagħhom, u għall-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li f'isimhom jimmaniġġjaw id-drittijiet taħt xi ftehim ta' rappreżentanza, proċeduri biex jittrattaw l-ilmenti u biex isolvu t-tilwim b'mod effettiv u fil-ħin, partikolarment fir-rigward tal-awtorizzazzjoni biex jimmaniġġjaw id-drittiijiet u t-terminazzjoni jew l-irtirar tad-drittijiet, il-pattijiet ta' adeżjoni, il-ġbir ta' ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet, it-tnaqqis u t-tqassim.

(2) Organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv għandhom jirrispondu bil-miktub għall-ilmenti mressqa mill-membri jew mill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li f'isimhom ikunu jimmaniġġjaw id-drittijiet taħt ftehim ta' rappreżentanza. Meta l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tirrifjuta xi ilment, din għandha tagħti r-raġunijiet għal dan.

Proċeduri alternattivi għar-riżolviment ta' tilwim.

41. (1) It-tilwim bejn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv, membri tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv, detenturi tad-drittijiet jew utenti jistgħu jitressqu kemm għal medjazzjoni kemm għal arbitraġġ, hekk kif il-partijiet fit-tilwima jistgħu jaqblu bejniethom.

(2) Għall-finijiet tat-Titolu III, dan it-tilwim li ġej li għandu x'jaqsam mal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv stabbilit f'Malta li toħroġ jew toffri li toħroġ liċenzi multiterritorjai għal drittijiet onlajn f'xogħlijiet mużikali, jistgħu jitressqu kemm għal medjazzjoni kemm għal arbitraġġ, hekk kif il-partijiet fit-tilwima jistgħu jaqblu bejniethom:

(a) tilwimiet ma' provditur tas-servizzi ta' mużika onlajn reali jew potenzjali dwar kif jiġu applikati r-regolamenti 20, 32, 33 u 34;

(b) tilwimiet ma' xi detentur tad-drittijiet wieħed jew aktar dwar kif jiġu applikati r-regolamenti 32, 33, 34, 35, 36, 37 u 38;

(ċ) tilwimiet ma' xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv oħra dwar kif jiġu applikati r-regolamenti 32, 33,34, 35, 36 u 37.

Riżolviment ta' tilwim.

42. (1) It-tilwimiet bejn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u l-utenti fir-rigward, b'mod partikolari, ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

kundizzjonijiet attwali u proposti fil-ħruġ ta' liċenzi jew xi ksur ta' kuntratt, għandhom jitressqu quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

(2) Ir-regolamenti 40 u 41 u s-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet li jasserixxu u jiddefendu id-drittijiet tagħhom billi jieħdu azzjoni f'qorti.

Konformità,

43. (1) Il-konformità ta' organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv stabbiliti f'Malta mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali għandhom jiġu sorveljati mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

(2) Il-membri ta' xi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, id- detenturi tad-drittijiet, l-utenti, organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u partijiet interessati oħra għandhom jinnotifikaw lill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur b'dawk l-attivitajiet jew ċirkostanzi li, fil-fehma tagħhom, jikkostitwixxu ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż li jingħata kif imsemmi fis-subregolament (2) hawn qabel għandu jkun juri biċ-ċar x'ikunu dawk l-attivitajiet jew ċirkostanzi li jkunu qegħdin jingħadu li jiksru d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Malli jirċievi avviż bħal dak, il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur għandu -

(a) jibgħat kopja ta' dan l-avviż lill-parti li allegatament tkun qegħda tikser dawk id-dispożizzjonijiet;

(b) jinforma lill-parti bil-piena li hemm għal min jinsab li jkun kiser dawk id-dispożizzjonijiet;

(ċ) jtitlob lill-parti li tirċievi dak l-avviż biex tippreżenta r-reazzjoni tagħha fi żmien sittin ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż.

(4) Ir-risposta li tingħata lill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur għandha tinkludi:

(a) indikazzjoni ċara jekk il-parti li tkun qegħda allegatament tikser dawk id-dispożizzjonijiet tkunx taqbel jew le mal-avviż;

(b) jekk il-parti li tkun qegħda allegatament tikser dawk id-dispożizzjonijiet ma tkunx taqbel mal-avviż, iul-motivazzjonijiet bid-dettall li fuqhom dik il-parti tkun qegħda tibbaża n-nuqqas ta' qbil tagħha.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Jekk ma tinżammx l-iskadenza mogħtija mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur jew ir-rekwiżiti msemmija haw qabel, dan jagħmel ir-risposta waħda inammissibli. Hekk kif jidhirlu li jkun adatt u meta l-ksur jitqies li jkun seħħ, il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur jista' jservi avviż ta' konformità fuq dik l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv.

(6) Avviż ta' konformità -

(a) għandu jiddikjara li l-Bord ikun qed iqis lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv bħala li ma tkunx ħarset xi rekwiżit impost bl-Att jew bir-regolamenti tiegħu;

(b) għandu jispeċifika liema disposizzjoni tkun qegħda timponi r-rekwiżit u x-xorta ta' nuqqas ta' konformità;

(ċ) jista' jitlob lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, meta n-nuqqas ta' konformità jibqa' għaddej, biex twaqqfu f'perjodu ta' żmien speċifiku;

(d) għall-fini li jiżgura konformità mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv mar-rekwiżit, jista' jitlob lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv biex tagħmel, jew iżżomm milli tagħmel, dak li jiġi speċifikat fl-avviż;

(e) jista' jitlob lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv biex tagħti lill-Bord obbligazzjoni bil-miktub li ma jkunx ser jiġi mtenni n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit; u

(f) għandu jinforma lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li jekk din tonqos milli tikkonforma ruħha dan jista' jwassal għal avviż ta' revoka kif hemm fis-subregolament (7) jew għal penali kif hemm fis-subregolament (8).

(7) Jekk il-Bord ikun sodisfatt li organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun naqset milli tħares xi talba li tkun ġiet inkluża fl-avviż ta' konformità taħt is-subregolament (6)(ċ) jew (d), jew ma' xi obbligazzjoni li tkun ittieħdet f'konformità ma' xi talba li tkun ġiet hekk inkluża taħt is-subregolament (6)(e), il-Bord jista' jinnotifika lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv b'avviż ta' revoka jew inkella jimponi penali.

(8) Meta jkun qed jiddeċiedi dwar jekk għandux jinnotifika avviż ta' revoka jew avviż ta' penali, il-Bord għandu jieħu kont tax-xorta ta' nuqqas ta' konformità.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(9) Penali tista' tkun tikkonsisti minn jew -

(a) ammont ta' mhux iżjed minn ħamest efef euro (€5,000); jew

(b) ammont ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) flimkien ma' ammont ta' mhux iżjed minn ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tibqa' tonqos milli tħares l-obbligazzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti, ta' mhux iżjed minn total ta' ħamest efef euro (€5,000).

(10) Avviż ta' revoka jew avviż ta' penali għandhom ikunu bil-miktub u għandu -

(a) jiddikjara xi jkunu r-raġunijiet li l-Bord ikun qies li l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun naqset milli tħares it-talba jew l-obbligazzjoni msemmija fl-avviż ta' konformità;

(b) jinforma lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li l-Bord ikun ser jgħaddi biex jirrevoka l-awtorizzazzjoni li din taġixxi bħala organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jew li l-Bord ikun ser jimponi penali fi żmien tletin ġurnata tax-xogħol mid-data tan-notifika kemm-il darba ma jsirx appell kif hemm fis-subregolament (9).

(11) L-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tista', fi żmien btletin ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż ta' revoka jew tal-avviż ta' penali tappella kontra r-revoka ojew il-penali quddiem il-Qorti tal-Appell.

(12) Jekk organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tagħmel appell li ma jintrebaħx, meta dak l-appell jgħaddi f'ġudikat, għandha tibda sseħħ ir-revoka jew inkella tiġi imposta l-penali kif jista' jkun il-każ.

L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar.

44. (1) Talba għall-informazzjoni li tiġi riċevuta minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, li jkun nominat għal dak l-għan, rigward kwistjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, b'mod partikolari fir- rigward tal-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv stabbiliti, għandha tingħatalha tweġiba mingħajr dewmien żejjed mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur Board, sakemm dik it-talba tkun debitament ġustifikata.

(2) Meta l-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur iqis illi organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv stabbilita fi Stat Membru

VERŻJONI ELETTRONIKA

ieħor imma li tkun qegħda taġixxi f'Malta tista' ma tkunx qegħda tosserva d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li fih dik l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun stabbilita, dan jista' jgħaddi kull informazzjoni rilevanti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun stabbilta l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, flimkien ma' talba meta dan ikun adatt lil dik l-awtorità biex tieħu kull azzjoni xierqa li taqa' fil-kompetenzi tagħha. L-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha tagħti tweġiba motivata fi żmien tliet xhur.

(3) Il-kwistjonijiet msemmija fis-subregolament (2) jistgħu jiġu riferuti wkoll mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur li jkun qed jagħmel dik it-talba lill-grupp ta' esperti stabbilit kif hemm fl-Artikolu 41 tad-Direttiva 2014/26/UE.

45. Ir-Regolamenti tal-2003 dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur huma b'dan revokati mingħajr preġudizzju għal dak lollu li sara jew li naqas milli jsir taħthom.

Revoka tar-Regolamenti tal-2003 dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur.
A.L. 425 tal-2003.

L-Ewwel Skeda

1. L-informazzjoni li għandha tiġi provduta fir-rapport annwali dwar it-trasparenza msemmi fir-regolament 30(2) għandha tinkludi:

(a) dikjarazzjonijiet finanzjarji li jinkludu karta ta' bilanċ jew dikjarazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja u dikjarazzjoni tal-fluss monetarju;

(b) rapport dwar l-attivitajiet fis-sena finanzjarja;

(ċ) informazzjoni dwar ir-rifjut għall-ħruġ ta' liċenza kif hemm fir-regolament 20(3);

(d) deskrizzjoni tal-istruttura ġuridika u ta' governanza tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv;

(e) informazzjoni dwar kull entità direttament jew indirettament ta' proprjetà jew taħt il-kontroll, b'mod sħiħ jew parzjali tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv;

(f) informazzjoni dwar l-ammont totali ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

remunerazzjoni mħallsa lill-persuni msemmija fir-regolamenti 13(3) u 14 fis-sena preċedenti, u dwar benefiċċji oħra li ngħatawlhom;

(g) l-informazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda;

(h) rapport speċjali dwar l-użu ta' kull ammont imnaqqas għall-finijiet tas-servizzi soċjali, kulturali u edukattivi, li jkun fih l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda.

2. Informazzjoni finanzjarja li għandha tkun ipprovduta fir-rapport annwali dwar it-trasparenza:

(a) informazzjoni finanzjarja dwar id-dħul mid-drittijiet, kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati u kif hemm fit-tip ta' użu (eż. xandir, onlajn, wirja pubblika) inkluż l-informazzjoni dwar l-introjtu li jirriżulta mill-investiment ta' dħul mid-drittijiet u l-użu ta' dan id-dħul (kemm jekk imqassam lid-detenturi tad-drittijiet jew lil organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħrajn, jew jekk jintuża b'mod differenti);

(b) informazzjoni finanzjarja dwar l-ispiża tas-servizzi ta' ġestjoni tad-drittijiet u servizzi oħra provduti mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv lid-detenturi tad-drittijiet, b'deskrizzjoni komprensiva ta' mill-anqas dawn il-punti li ġejjin:

(i) l-ispejjeż operattivi u finanzjarji kollha, imqassma kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet ġestiti u fejn l-ispejjeż huma indiretti u ma jistgħux jiġu attribwiti lil kategorija waħda jew aktar ta' drittijiet, spjegazzjoni tal-metodu użat biex jiġu allokati l-ispejjeż indiretti;

(ii) l-ispejjeż operattivi u finanzjarji kollha, imqassma kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati, u meta l-ispejjeż ikunu indiretti u ma jistgħux jiġu attribwiti lil kategorija waħda jew aktar ta' drittijiet, spjegazzjoni tal-metodu użat għall-allokazzjoni ta' dawn l-ispejjeż indiretti, unikament fir-rigward tal-immaniġġjar tad-drittijiet inkluż il-ġestjoni ta' tariffi tal-immaniġġjar imnaqqsa minn jew paċuti mad-dħul mid-drittijiet jew minn kull introjtu li jirriżulta mill-investiment tad-dħul mid-drittijiet bi qbil mar-regolamenti 15(4) u 16(1), (2) u (3);

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) l-ispejjeż operattivi u finanzjarji fir-rigward tas-servizzi ħlief l-immaniġġjar tad-drittijiet, iżda li jinkludi servizzi soċjali, kulturali u edukattivi;

(iv) riżorsi użati biex ikopru l-ispejjeż;

(v) tnaqqis li jsir mid-dħul tad-drittijiet, imqassma kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati u kif ikun it-tip ta' użu u l-iskop tat-tnaqqis, bħall-ispejjeż relatati mal-immaniġġjar tad-drittijiet jew mas-servizzi soċjali, kulturali jew edukattivi;

(vi) il-perċentwali li l-ispiża tas-servizzi ta' mmaniġġjar tad-drittijiet u servizzi oħra provduti mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv lid-detenturi tad-drittijiet jirrappreżentaw meta mqabbla mad-dħul mid-drittijiet fis-sena finanzjarja rilevanti, u, fejn l-ispejjeż ikunu indiretti u ma jistgħux jiġu attribwiti lil kategorija waħda jew aktar ta' drittijiet, spjegazzjoni tal-metodu użat għall-allokazzjoni ta' dawn l-ispejjeż indiretti;

(ċ) informazzjoni finanzjarja dwar l-ammonti dovuti lid-detenturi tad-drittijiet, b'deskrizzjoni komprensiva ta' mill-anqas il-punti li ġejjin:

(i) l-ammont totali attribwit lid-detenturi tad-drittijiet, imqassma kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati u kif hemm fit-tip ta' użu;

(ii) l-ammont totali mħallas lid-detenturi tad-drittijiet, imqassam kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati u kif hemm fit-tip ta' użu;

(iii) il-frekwenza tal-pagamenti, imqassma kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati u kif ikun it-tip ta' użu;

(iv) l-ammont totali miġbur iżda li jkun għadu ma ġiex attribwit lid-detenturi tad-drittijiet, imqassam kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati u t-tip ta' użu u li jindika s-sena finanzjarja li fiha jkunu nġabru dawk l- ammonti;

(v) l-ammont totali miġbur iżda li jkun għadu ma ġiex mqassam lid-detenturi tad-drittijiet, imqassam kif hemm fil- kategorija ta' drittijiet immaniġġjati u t-tip ta' użu u li jindika s-sena finanzjarja li fiha jkunu nġabru

VERŻJONI ELETTRONIKA

dawk l-ammonti;

(vi) meta l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun għadha ma għamlitx it-tqassim u l-ħlasijiet qabel l-iskadenza ffissata fir-regolament 17(1), ir-raġunijiet għal dan id-dewmien;

(vii) l-ammonti totali li ma jistgħux jitqassmu, flimkien ma' spjegazzjoni dwar il-mod kif dawk l-ammonti ntużaw;

(d) informazzjoni dwar ir-relazzjonijet ma' organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv b'deskrizzjoni ta' mill-anqas il-punti li ġejjin:

(i) l-ammonti li waslu minn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra u l-ammonti mħallsa lil organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra, imqassma kif hemm fil-kategorija tad-drittijiet, kif hemm fit-tip ta' użu u kif tkun l-organizzazzjoni;

(ii) it-tariffi tal-immaniġġjar u tnaqqis ieħor mid-dħul mid-drittijiet dovut lil organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra, imqassma kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet, kif ikun it-tip ta' użu u kif tkun l-organizzazzjoni;

(iii) it-tariffi tal-immaniġġjar għal u tnaqqis ieħor mill-ammonti mħallsa minn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv oħra, imqassma kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet u għal kull organizzazzjoni;

(iv) l-ammonti distribwiti direttament lid-detenturi tad-drittijiet li joriġinaw minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, imqassam kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet u għal kull organizzazzjoni.

3. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fir-rapport speċjali msemmi fir-regolament 30(3) għandha tinkludi:

(a) l-ammonti mnaqqsa għall-finijiet ta' servizzi soċjali, kulturali u edukattivi fis-sena finanzjarja, imqassma kif ikun it-tip ta' skop u, għal kull tip ta' skop, kif hemm fil-kategorija ta' drittijiet immaniġġjati u għal kull tip ta' użu;

(b) spjegazzjoni tal-użu ta' dawk l-ammonti, imqassma għal kull tip ta' skop inkluż l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-ammonti mnaqqsa għall-finanzjament ta' servizzi soċjali,

VERŻJONI ELETTRONIKA

kulturali u edukattivi u tal-ammonti separati użati għas-servizzi soċjali, kulturali u edukattivi.

It-Tieni Skeda

Skeda ta' Miżati

i. Miżata għal talba għal approvazzjoni ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv (Regolament 8)	€400
ii. Miżata biex tiġi ppreżentata oġġezzjoni għat-talba jew għat-tariffi (Regolament 9(1)(d))	€100
iii. Miżata biex tiġi ppreżentata dokumentazzjoni nieqsa (Regolament 9(1)(ċ))	€50
iv. Miżata biex jiġi ppreżentat sett ġdid ta' tariffi (Regolament 10)	€200
v. Miżata għal talba ta' informazzjoni (Regolament 21(3))	€50
